MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2013

Numru. 393/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Arthur Mercieca)**
**(Spettur Carol Fabri)**

**Vs**

**Roderick Camilleri, 31 sena, bin Joseph u Rosaria nee Bonnici, imwieled Pieta` fit-12 ta' Novembru, 1981, residenti Flt 7 Qasam Bini tal-Gvern Binja L Ent A, u detentur tal-karta ta' l-identita` 613181M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli f'Marzu 2013, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. approprija, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuni ohra, is-somma ta' aktar min Euro 2329.37 ghad-dannu ta' Gasco Energy Ltd, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ta' radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat liema somma giet fdata jew ikkunsinjata lilu minhabba l-professjoni, l-industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, ghad-dannu tal-kumpanija Gasco Energy Ltd.
2. b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sa biex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza' dar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn Euro 2329.27 ghad-dannu ta' Gasco Energy Ltd;

3. ghamel falsfikazzjni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz, jew helsein falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsein minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatt, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

4. ikkommetta serq ta' cilindri ghad-dannu ta' Gasco Energy Ltd, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi Euro 2390.24 u kkwalifikat bil-valur u bil-persuna.

5. Finalment Roderick Camilleri gie akkuzat talli sar recidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi fir-rigward tal-akkuza dwar ir-recidiva l-imputat ser jigi lliberat billi s-sentenza li inghatat fil-konfront tieghu giet applikata l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 fil-konfront tieghu.

Illi meta tqis il-piena li ser tigi inflitti l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali kwazi nadifa tieghu, il-fatt li hallas l-ammont mehud indebitament u l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 293, 308, 310(1)(a), 183, 261(c)(d), 267, 268 u 17(h)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-perjodu ta’ sentejn prigunerija li b’applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta dan il-perjodu ta’ prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien erba (4) snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza flimkien mal-atti tintbaghat lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------